IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.8.2015
COM(2015) 401 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea fl-2014**

MT MT

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea fl-2014**

## 1. IL-KUNTEST TAR-RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITAJIET TA' RIĊERKA U ŻVILUPP TEKNOLOĠIKU

Ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea (UE) jitħejja skont l-Artikolu 190 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ewlenin li twettqu matul is-sena ta' rappurtaġġ.

## 2. IL-KUNTEST POLITIKU AKTAR MIFRUX FL-2014

Is-sena 2014 kienet waħda ta' tibdil politiku kbir fl-UE. Ġie elett Parlament Ewropew ġdid, f'Novembru daħlet fil-kariga Kummissjoni ġdida, u daħal fil-kariga wkoll President ġdid tal-Kunsill Ewropew li hu l-ewwel wieħed li nħatar mill-Istati Membri l-ġodda ta' wara l-2004. Biex titkompla l-ħidma li diġà saret mill-Istati Membri biex jiggwidaw lill-Ewropa lura lejn l-irkupru ekonomiku, il-President elett il-ġdid, Jean-Claude Juncker inawgura Aġenda għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku. L-aġenda hija msejsa fuq tliet pilastri, li huma: ir-riformi strutturali, ir-responsabbiltà fiskali u l-investiment; u tistabbilixxi 10 prijoritajiet ċari bil-għan li jitkattru l-impjiegi u tkompli tikber l-ekonomija Ewropea. Ġie propost pjan ta' investiment ġdid bil-mira li tul dawn it-tliet snin li ġejjin tingħata spinta lill-investiment pubbliku u privat li jiswew EUR 315 biljun. F'Jannar tal-2015 inħarġet Proposta tal-Kummissjoni Ewropea favur Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS); huwa mistenni li din il-Proposta tiġi adottata mill-Kunsill tal-Ministri tal-UE fis-sajf tal-2015. Il-programm Orizzont 2020 se jagħmel il-parti tiegħu f'dan billi jikkontribwixxi għall-fond ta' garanzija tal-FEIS. Dan se jippermetti li jsir aktar investiment fil-qasam tar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Baqgħu jsiru sforzi ta' konsolidazzjoni fiskali tul l-2014, u dawn issa bdew jagħtu l-frott tagħhom fil-maġġoranza tal-Istati Membri. L-irkupru pass b'pass tal-ekonomija Ewropea, li beda fit-tieni kwart tal-2013 kompla jiżdied fl-2014, u wara li t-tkabbir tal-PDG fl-Ewropa tilef ftit mill-momentum tiegħu fir-Rebbiegħa li għaddiet, reġa' qabad ir-ritmu lejn l-aħħar tal-2014 u żdied b'1.4% fis-sena[1].

## 3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SEJĦIET TAL-ORIZZONT 2020

F'Diċembru tal-2013 tnieda l-akbar programm li qatt sar ta' riċerka u innovazzjoni fl-UE: l-Orizzont 2020, li ngħata fondi ta' EUR 80 biljun fuq perjodu ta' seba' snin. Minnufih inbeda l-ewwel Programm ta' Ħidma għall-2014 sal-2015, li ngħata baġit ta' EUR 15-il biljun, u

[1] Il-Previżjoni Economika Ewropea tar-Rebbiegħa 2015

jinkludi 12-il qasam imsejħa oqsma ta' mira. Is-sejħiet infetħu fiż-żmien ippjanat, u s-Sistemi Informatiċi faċli għall-utent tal-Orizzont 2020 bdew jaħdmu sa mill-bidu nett. Tfassal il-Programm ta' Ħidma ssimplifikat fuq sentejn, li jimplimenta sistema ġdida bbażata fuq l-isfidi b'mod li jintegra l-għanijiet tal-politika tal-UE permezz ta' proċess ta' programmazzjoni strateġiku li jrawwem l-integrazzjoni, jinkorpora l-karatteristiki ewlenin u kwistjonijiet ġodda, u jiġġenera l-ħolqien ta' impatt u valur ikbar. Saret kampanja ta' tagħrif komprensiva f'34 pajjiż, li ġibdet madwar 10,000 parteċipanti fl-avvenimenti. Ġew organizzati attivitajiet oħra ta' tagħrif, kemm nazzjonali kif ukoll reġjonali.

L-ewwel 100 sejħa, li attiraw total ta' 37,000 proposta, ingħalqu sal-1 ta' Diċembru tal-2014. Sa tmiem April tal-2015 ġew iffirmati 3,200 għotja li talbu fondi totali ta' EUR 5.4 biljun. Il-proposti kellhom rata ta' suċċess medja ta' bejn it-12 u l-14%.

L-implimentazzjoni tal-ewwel sejħiet u l-effiċjenza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni kienu ssorveljati mill-Kummissjoni Ewropea. Fl-eżerċizzju ta' sorveljanza ġew ikkonsultati l-Istati Membri, il-komunità tar-riċerka, l-industrija u l-partijiet ikkonċernati. Ir-riżultati li ħarġu jidhru fil-qosor hawn taħt.

*It-tweġiba għas-sejħiet*

It-tweġiba numeruża għall-ewwel sejħiet ikkonfermat li s-sistema bbażata fuq l-isfidi tal-Orizzont 2020 u d-domanda għall-kooperazzjoni transkonfinali fir-riċerka u l-innovazzjoni ngħoġob. Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati, fosthom l-SMEs, b'mod speċjali laqgħu tajjeb is-suġġetti ġenerali tal-ewwel sejħiet. Ġie rreġistrat għadd kbir ta' applikazzjonijiet għas-sejħiet tal-2014. Dan issarraf f'rata ta' suċċess aktar baxxa minn dik tal-Programm Qafas ta' qabel. Filwaqt li minn naħa kien hemm aktar lok ta' għażla, li rawmet l-eċċellenza, min-naħa l-oħra, fuq tul ta' żmien, din tista' tirrendi l-programm inqas attraenti. Għaldaqstant, għall-Programmi ta' Ħidma tal-ġejjieni, qegħdin jiġu ppjanati l-miżuri għall-ġestjoni tad-domanda kbira filwaqt li tinżamm is-sistema bbażata fuq l-isfidi u li mhijiex preskrittiva.

Minkejja l-għadd kbir ta' proposti li waslu bi tweġiba għall-ewwel sejħiet tal-Orizzont 2020, u minkejja l-pressjoni li saret fuq is-sistemi ta' valutazzjoni, inżammu l-istandards għoljin fl-għażla tal-esperti u tal-għamla tal-proposti fil-proċess tal-evalwazzjoni.

*Is-simplifikazzjoni*

Is-sistema onlajn tal-Portal għall-Parteċipanti kienet apprezzata ħafna mill-komunità tal-partijiet ikkonċernati[2]. Din hija passarella unika biex wieħed jidħol fl-Orizzont 2020, kemm għall-preżentazzjoni tal-proposti, kif ukoll għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni tal-parteċipant u għar-reġistrazzjoni u l-ħlas tal-esperti. Il-ġenerazzjoni l-ġdida tal-Orizzont 2020, tas-sistemi tal-IT li jieħdu ħsieb il-proposti u l-għotjiet mingħajr ħafna tidwir ta' karti (firem elettroniċi), u s-simplifikazzjoni tal-proċessi kummerċjali, naqqsu d-diffikultajiet burokratiċi għall-parteċipanti. Skont l-ewwel statistika, il-limitu ta' żmien ta' tmien xhur sa meta jingħataw l-għotjiet, intlaħaq fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet (madwar 94%).

2 Ecorys Study, 2014.

*Iċ-Ċiklu tar-Riċerka u l-Innovazzjoni*

Is-sehem tal-parteċipazzjoni tas-settur privat fl-ewwel sejħiet kien ta' 31% ta' ftehimiet ta' għotjiet iffirmati u ta' 28% kontribut finanzjarju tal-UE. Ir-rati korrispondenti tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) huma rispettivament 30% u 25%. Il-parteċipazzjoni tas-settur privat hija għolja ħafna kemm fil-pilastru tat-Tmexxija Industrijali, kif ukoll f'dak tal-Isfidi Soċjali.

*Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs)*

L-Orizzont 2020 jattira l-SMEs. Ir-riżultati juru li l-UE qiegħda fit-triq it-tajba fl-allokazzjoni ta' 20% tal-baġit ikkumbinat għall-Isfidi Soċjali u għat-Tmexxija fit-Teknoloġija Avvanzata u dik Abilitanti (LEITs) lill-SMEs. L-Istrument il-ġdid għall-SMEs fl-Orizzont 2020 tnieda b'suċċess, u b'aktar minn 8,100 applikazzjoni (6,900 fl-ewwel fażi u 1,200 fit-tieni fażi), kien l-aktar skema popolari tal-2014. Huwa ġibed applikanti ġodda u SMEs ta' potenzjal ekonomiku u innovattiv promettenti. Pereżempju, madwar 50% tal-ewwel benefiċjarji fl-ewwel fażi (155 proġett iffinanzjat sal-ewwel data ta' skadenza) diġà kienu attivi fis-suq Ewropew u/jew globali.

*Ix-Xjenzi soċjali u l-Istudji Umanistiċi (SSH)*

L-Orizzont 2020 żied b'mod sinifikattiv il-potenzjal tal-kontributi tax-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi permezz ta' politika sistematika ta' integrazzjoni tax-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi fl-isfidi soċjetali kollha, kif ukoll fil-partijiet tal-Programm li jinvolvu t-Teknoloġiji Abilitanti Ewlenin. Medja ta' 37% tas-suġġetti fil-programmi: Sfidi Soċjetali, LEIT, Xjenza mas-Soċjetà u għas-Soċjetà, Inżidu l-Eċċellenza u Nkabbru l-Parteċipazzjoni, u Infrastrutturi għar-Riċerka, flimkien, kienu mmarkati għar-rilevanza tagħhom għax-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi fis-sejħiet tal-2014 u l-2015. Barra minn hekk, ix-Xjenzi soċjali u l-Istudji Umanistiċi kellhom rwol ewlieni fl-Isfida Soċjetali Soċjetajiet Inklussivi, Innovattivi u Riflettivi, li fiha 80% tas-suġġetti kienu mmarkati bħala Xjenzi Soċjali u Studji Umanistiċi. Fl-2014 ingħataw EUR 212 miljun lil benefiċjarji fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi. EUR 194 miljun ingħataw fil-qafas tal-pilastru tal-Isfidi Soċjetali u EUR 18 miljun ingħataw fil-qafas tal-pilastru LEIT.

Deher ukoll li kien hemm rappreżentanza tajba ta' għarfien espert fil-qasam tax-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi fil-kumitati tal-evalwazzjoni. Minn 688 evalwatur li nħatru għas-suġġetti mmarkati bħala rilevanti għax-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi, 10% kellhom għarfien ta' mill-inqas dixxiplina waħda f'dan il-qasam, filwaqt li 42% kellhom għarfien interdixxiplinarju kemm f'dan il-qasam kif ukoll f'dixxiplini barra x-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi, jew f'dixxiplini mħaltin b'komponent mix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi. B'kollox, 375 mis-688 espert kellhom xi tip ta' għarfien espert fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi, u dawn jammontaw għal aktar minn 50% tal-esperti.

*Ir-Riżorsi Umani u l-Mobbiltà*

Fl-2014 dan il-fokus ewlieni tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) kien qed jippromwovi sistemi innovattivi ta' taħriġ għar-riċerka li jistimulaw il-mobbiltà interdixxiplinarja, internazzjonali u intersettorjali.

L-Azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie saru l-istrument ewlieni tal-UE għat-trawwim tat-taħriġ innovattiv għad-dottorat. Fl-2014 ġew iffinanzjati 137 netwerk tat-taħriġ b'baġit totali ta' aktar minn EUR 400 miljun. Dawn kienu jinkludu dottorati industrijali, li permezz tagħhom l-intrapriżi tar-riċerka u l-universitajiet flimkien jiżviluppaw programm li jwassal għal dottorat u li l-parti l-kbira minnu jinkiseb f'settur mhux akkademiku, u programmi li jwasslu għal dottorat doppju jew konġunt. Kien hemm total ta' 600 kumpannija li ħadu sehem f'din l-attività. Barra minn hekk, EUR 30 miljun ġew allokati għall-kofinanzjament ta' 12-il programm ta' dottorati, biex jiżdied l-effett ta' lieva fuq il-programmi ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u internazzjonali fl-Ewropa.

*L-Azzjoni dwar il-Klima u l-Iżvilupp Sostenibbli*

Ġiet stabbilita l-mira li mill-inqas 35% tal-baġit tal-Orizzont 2020 jiġu investiti f'azzjonijiet favur il-klima u 60% fil-progress tal-UE lejn is-sostenibbiltà. Filwaqt li f'dan l-istadju d-dejta tkopri biss l-azzjonijiet programmabbli (jiġifieri LEIT u l-Isfidi Soċjetali), l-iżjed stima riċenti tal-progress li sar fl-Iżvilupp Sostenibbli u fl-Azzjonijiet dwar il-Klima tindika ċifri ta' 50% u 35% rispettivament. Mingħajr mira, il-progress fil-bijodiversità huwa stmat għal 3%.

*L-Ugwaljanza Bejn is-Sessi*

Fil-Programm ta' Ħidma tal-2014-2015, issemmew kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'aktar minn 100 suġġett f'kważi kull taqsima. Dawn is-suġġetti ġew immarkati bħala rilevanti għall-ugwaljanza bejn is-sessi fil-portal tal-parteċipanti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-applikanti. Wieħed mill-għanijiet tal-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Orizzont 2020 huwa li jkun żgurat li jkun hemm mill-inqas 40% tal-esperti fil-kumitati tal-evalwazzjoni u l-gruppi ta' esperti li jkunu nisa. Dan l-għan kważi ntlaħaq, u l-ewwel riżultati juru li 35% tal-esperti kienu nisa.

*Il-ftehimiet u l-kooperazzjoni internazzjonali*

L-Orizzont 2020 huwa kompletament miftuħ għall-parteċipazzjoni internazzjonali u barra minn hekk huwa mmirat lejn oqsma ta' kooperazzjoni strateġiċi ma' pajjiżi u reġjuni sħab ewlenin internazzjonali. 20% tas-suġġetti fil-Programm ta' Ħidma tal-2014-2015 ġew immarkati bħala speċifikament rilevanti għall-kooperazzjoni internazzjonali, u l-kwantità ta' azzjonijiet tvarja minn parti għall-oħra. Ġie propost l-appoġġ għall-inizjattivi importanti bħalma huma l-Kollaborazzjoni ta' Riċerka Globali għat-Tħejjija għall-Mard Infettiv, l-Alleanza Globali kontra l-Mard Kroniku, il-Konsorzju Internazzjonali tar-Riċerka dwar il-Mard Rari[3], u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ġappun fil-qasam tan-netwerks essenzjali u l-pjattaformi tal-informatika. Billi kien hemm xaqliba lejn suġġetti usa' u inqas preskrittivi, il-kooperazzjoni internazzjonali tħeġġet pjuttost bl-inkoraġġiment milli permezz tal-użu ta'

[3] *Cf.* is-suġġetti fis-sejħa għall-Attivitajiet ta' Koordinazzjoni dwar is-Saħħa li għandhom baġit indikattiv ta' madwar EUR 17-il miljun.

kriterji ta' eliġibbiltà. Madankollu, u minħabba li l-korpi minn ħames ekonomiji emerġenti kbar (il-Brażil, ir-Russja, l-Indja, iċ-Ċina u l-Messiku) m'għadhomx eliġibbli għall-finanzjament mill-Orizzont 2020 b'mod awtomatiku, fil-bidu nstab li kien hemm tnaqqis ġenerali fil-parteċipazzjoni min-naħa ta' pajjiżi sħab internazzjonali.

Tul l-2014 kien hemm total ta' 12-il pajjiż li ssieħbu fl-Orizzjont 2020 permezz ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. In-Norveġja u l-Iżlanda ssieħbu f'Mejju tal-2014. Il-ħames pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerżegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja), ir-Repubblika tal-Moldova, it-Turkija u l-Iżrael iffirmaw ftehimiet mal-Unjoni Ewropea fis-sajf tal-2014. F'Diċembru tal-2014 ġie ffirmat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Gżejjer Faroe. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni se jippermettu lill-korpi ta' riċerka ta' dawn il-pajjiżi jibbenefikaw mill-opportunitajiet ta' finanzjament li joffri l-Orizzont 2020.

Fil-5 ta' Diċembru 2014 ġie ffirmat ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Iżvizzera u partijiet mill-Orizzont 2020. L-Iżvizzera ffirmat ftehim li bih issieħbet fil-pilastru "Xjenza Eċċellenti" tal-Orizzjont 2020, li fih il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, tat-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti, tal-Infrastrutturi tar-Riċerka u l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie; l-azzjonijiet tal-għan speċifiku "It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni"; u fl-aħħar nett, il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom u l-attivitajiet imwettqa mill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni bejn l-2014 u l-2020. Dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mistenni li jibqà jseħħ sal-31 ta' Diċembru 2016. Skont jekk l-Iżvizzera tirratifikax jew le l-Protokoll li jestendi l-Moviment Liberu tal-Persuni lill-Kroazja, dan l-istadju għandu jew iwassal għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni sħiħa tal-Iżvizzera, inkella din tkompli bl-istatus ta' pajjiż terz.

*Żieda fil-parteċipazzjoni*

L-Orizzont 2020 jintroduċi miżuri speċifiċi għat-tixrid tal-eċċellenza u għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni f'dawk l-Istati Membri u r-reġjuni fejn isiru relattivament inqas riċerka u innovazzjoni. L-Orizzont 2020 jiffinanzja l-azzjonijiet li jmorru f'dawn id-direzzjonijiet: l-għaqda f'timijiet ta' istituzzjonijiet tar-riċerka (li ħolqot ċentri ta' eċċellenza jew tejbet dawk eżistenti), li għaliha kien hemm 167 applikazzjoni eliġibbli mill-Istati Membri kollha li qed jieħdu sehem; 'Il-Katedri taż-ŻER' (li jiġbdu riċerkaturi eċċellenti lejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka li għandhom potenzjal kbir ta' eċċellenza fir-riċerka)' li rċeviet 85 applikazzjoni eliġibbli mill-Istati Memri kważi kollha li qed jieħdu sehem; 'Il- Ġemellaġġ' (li jsaħħaħ b'mod sinifikanti qasam ta' riċerka speċifikat permezz ta' rabtiet ma' istituzzjonijiet ta' riċerka ewlenin f'livell internazzjonali), appoġġati permezz ta' sejħa li nfetħet fl-2014, iżda li se tagħlaq fl-2015. Jingħata wkoll l-appoġġ lill-COST (European Cooperation in Science and Technology) li huwa fost l-ewwel oqfsa ta' kooperazzjoni fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni intergovernamentali li nħolqu fl-Ewropa. Dawn l-azzjonijiet għandhom baġit ta' madwar EUR 800 miljun tul il-perjodu ta' seba' snin.

## 4. L-Isħubija mal-Industrija

*Il-Pakkett ta' Investiment fl-Innovazzjoni*[4]

Fl-2013 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat sensiela ta' proposti dwar l-inizjattivi ta' sħubija pubblika-privata u pubblika-pubblika. Wara sena, f'Mejju tal-2014, ġie adottat uffiċjalment mill-Istati Membri l-Pakkett ta' Investiment fl-Innovazzjoni.

Dan jistabbilixxi ġenerazzjoni ġdida ta' sħubiji pubbliċi u privati li se jaqsmu bejniethom investimenti ta' aktar minn EUR 22 biljun fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-pakkett jinkludi disa' Inizjattivi ta' Teknoloġija Konġunta (ITK) li jorganizzaw l-aġendi tar-riċerka tagħhom huma, u jagħtu l-finanzjament għal proġetti abbażi ta' sejħiet miftuħa. F'Lulju tal-2014 diġà kienu tniedu erba' sħubiji pubbliċi-pubbliċi (l-inizjattivi stabbiliti fl-Artikolu 185). Il-kontribut ta' EUR 9 biljun għall-pakket se jiftaħ investiment ta' EUR 10 biljun mis-settur privat u EUR 4 biljun mill-Istati Membri

*Sħubiji Pubbliċi-Privati Kuntrattwali (SPPK)*

F'Diċembru tal-2013, il-Kummissjoni Ewropea nediet tmien Sħubiji Pubbliċi-Privati Kuntrattwali ta' importanza strateġika għall-industrija Ewropea. Għall-kuntrarju tal-Inizjattivi ta' Teknoloġija Konġunta, is-Sħubiji Pubbliċi-Privati Kuntrattwali ma jorganizzawx is-sejħiet tagħhom huma stess, iżda l-finanzjament jingħata mill-Kummissjoni permezz ta' sejħiet miftuħa fil-qafas tal-Programm ta' Ħidma tal-Orizzont 2020. L-arranġamenti Kuntrattwali li stabbilixxew dawk it-tmien Sħubiji Pubbliċi-Privati kuntrattwali ġew iffirmati mill-Kummissjoni u mill-presidenti ta' assoċjazzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni industrijali maħluqin apposta, li jirrappreżentaw aktar minn 1,000 intrapriża żgħira u ta' daqs medju madwar l-Ewropa. F' Ottubru tal-2014 ġiet inawgurata d-disa' Sħubija Pubblika-Privata Kuntrattwali. Id-disa' Sħubiji Pubbliċi Privati Kuntrattwali tnedew b'pakkett ta' finanzjament indikattiv tal-Kummissjoni li tat total ta' EUR 6.7 biljun tul il-programm. Fil-Programm ta' Ħidma tal-2014 sal 2015, l-interess tal-industrija ġiet imħajra permezz ta' finanzjament ta' madwar EUR 800 miljun għas-Sħubiji Pubbliċi-Privati Kuntrattwali, fost affarjijiet oħra.

## 5. Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)

F'Settembru tal-2014, il-Kummissjoni ppreżentat it-tieni Rapport tal-Progress taż-ŻER [5]li jagħti stampa ġenerali tal-progress li sar fl-implimentazzjoni taż-ŻER fl-Istati Membri u f'għadd żgħir tal-Pajjiżi Assoċjati. Dan juri li s-Sħubija taż-ŻER kienet ta' suċċess u li l-erba' kundizzjonijiet taż-ŻER li jwasslu għas-suċċess huma stabbiliti, dawn huma:

- L-Istati Membri jadottaw dejjem iżjed miżuri li jappoġġaw iż-ŻER;
- L-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-Pjattaforma għall-Partijiet Ikkonċernati taż-ŻER għadhom jaħdmu flimkien biex jiksbu ŻER li taħdem tajjeb f'kull livell.

[4] Il-Pakkett ta' Investiment fl-Innovazzjoni
[5] Ir-Rapport ta' Progress taż-ŻER għall-2014

- Fil-livell tal-UE hemm stabbiliti miżuri ta' appoġġ għall-politiki, u ż-ŻER tifforma parti integrali mis-Semestru Ewropew;
- Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER qiegħed jitħaddem u qiegħed dejjem iżjed jagħti dejta robusta.

*Il-koordinazzjoni tal-programmi ta' riċerka nazzjonali*

Fl-Orizzont 2020, żdiedet il-parteċipazzjoni tal-UE f'sejħiet konġunti implimentati mill-programmi tal-Istati Membri permezz tal-istrument tan-Netwerks il-ġodda taż-Żona ta' Riċerka Ewropea (ERA-NET). Fl-istess ħin, l-Orizzont 2020 jsostni l-għaxar Inizjattivi ta' Programmazzjoni Konġunta (Joint Programming Initiatives - JPIs) li stabbilixxa l-Kunsill. Il-JPIs jikkonformaw lill-programmi nazzjonali għall-aġendi ta' riċerka strateġiċi madwar l-UE. Huma mezzi importanti li jiżguraw it-tlestija taż-ŻER.

## 6. QAFAS TA' POLITIKA

*Is-Semestru Ewropew*

Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (RI) ġew adottati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fl-2014, ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi ġew adottati fil-kuntest tat-titjib tal-kundizzjonijiet ta' qafas għall-kummerċ tar-RI (il-Belġju u Franza), il-prijoritizzazzjoni tal-investimenti pubbliċi fir-RI (il-Ġermanja, l-Italja u Spanja) iż-żieda fl-effiċjenza ta' dawn l-investimenti (l-Italja, is-Slovakkja u Spanja) u l-effet ta' lieva tagħhom fuq il-kummerċ tar-RI permezz tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-kooperazzjoni pubblika-privata (il-Portugall u s-Slovenja).

*Komunikazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni bħala Sorsi ta' Tkabbir Imġedded*[6]

Il-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2014 dwar "Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni bħala Sorsi ta' Tkabbir Imġedded" tipprovdi narrattiva politika qawwija dwar l-importanza tal-kwalità tal-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni għall-Ewropa. Il-Komunikazzjoni tipproponi li tressaq tliet prijoritajiet biex jiffukaw fuqhom l-Istati Membri: Il-kwalità tal-iżvilupp tal-istrateġiji u tal-proċess tat-tfassil tal-politiki; il-kwalità tal-programmi, inklużi l-enfasi fuq ir-riżorsi u t-titjib tal-mekkaniżmi ta' finanzjament; u l-kwalità tal-istituzzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-innovazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2015 enfasizza l-ħtieġa ta' riformi li jtejbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-investimenti pubbliċi fir-RI, u jrawmu ambjent li jiffavorixxi l-kummerċ u l-investiment fir-RI.

*Il-Fondi Ewropej Strutturali u tal-Investiment (FSIE)*

L-Orizzont 2020 u l-Fondi Ewropej Strutturali u tal-Investiment huma għodda importanti biex tingħata spinta lill-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-baġit tal-UE, u jenfasizzaw l-opportunitajiet għal sinerġiji bejn iż-żewġ oqfsa politiċi fil-finanzjament ta'

---

[6] Il-Komunikazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni bħala Sorsi ta' Tkabbir Imġedded

proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. L-FSIE se jipprovdu aktar minn EUR 100 biljun ta' finanzjament f'għotjiet bejn l-2014 u l-2020 għall-innovazzjoni b'mod ġenerali, li jinkludi għajnuna ta' xi EUR 40 biljun għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fondamentali.

*L-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)*

Il-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija[7] għall-2014 sal-2020 huwa ta' EUR 2.38 biljun, kif stabbilit fil-Programm ta' Qafas tal-Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Fl-2014 l-ewwel sett ta' Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) ġarrbu tkabbir regolari fil-baġits, fl-attivitajiet u fir-riżultati tagħhom. Il-Komunità tal-EIT tkabbret ukoll bil-ħolqien ta' żewġ Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni ġodda fl-oqsma tal-għajxien fis-saħħa u tat-tixjiħ attiv (Saħħa EIT) u bl-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar, ir-riċiklaġġ u s-sostituzzjoni sostenibbli tal-materja prima (Materja Prima EIT).

*L-Istrumenti Finanzjarji*

Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) niedu strument finanzjarju ġdid tal-UE fis-Sajf tal-2014. InnovFin – Finanzjament tal-UE għall-Innovaturi se jkun jgħin lill-SMEs, lill-kumpanijji l-kbar u lil kumpaniji innovattivi oħrajn biex ikollhom aċċess eħfef għall-finanzjament. L-InnovFin ikompli jibni fuq is-suċċess tal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji, żviluppata fi ħdan is-Seba' Programm Kwadru. Il-prodotti tal-InnovFin se joffru EUR 24 biljun ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-InnovFin jikkonsisti minn firxa ta' prodotti, minn garanziji għall-intermedjarji li jsellfu lill-SMEs, sa self dirett lill-intrapriżi - li jgħinu fl-appoġġ tal-iżgħar sal-ikbar proġetti tar-RI fl-UE u fil-pajjiżi assoċjati mal-Orizzont 2020.

*L-Innovazzjoni u l-Intraprenditorija*

Il-Pjan ta' Azzjoni 2020 dwar l-Imprenditorija tnieda fl-2014 b'segwitu tar-reviżjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar. Il-pjan jistabbilixxi l-miżuri ta' għajnuna, promozzjoni u monitoraġġ tal-intraprenditorija fl-Ewropa (dan jinkludi l-intraprenditorija diġitali). L-inizjattiva Ewropea ta' għajnuna għan-negozji l-ġodda, li hija parti minn dan il-pjan, għandha l-għan li ssaħħaħ l-ambjent tan-negozju għall-intraprendituri fuq il-web u tat-Teknoloġiji tal-Informatika (ICT) biex dan jgħin lill-ideat u lin-negozji tagħhom iqumu fuq saqajhom u jikbru fl-UE. Ir-Radar tal-Innovazzjoni hija inizjattiva pilota li tniedet fl-2014 u li l-għan tagħha huwa li tidentifika l-innovazzjonijiet ta' potenzjal kbir u l-innovaturi ewlenin fil-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru, il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), il-Programm ta' Politika ta' Appoġġ għall-ICT (PSP) u l-Orizzont 2020.

*Ix-Xjenza Miftuħa*

F'dawn l-aħħar snin, ix-xjenzjati bdew jiffavorixxu l-aċċess miftuħ għall-informazzjoni xjentifika, iċ-ċittadini ġew aktar involuti fir-riċerka, u bil-Big Data nfetħu modi ġodda ta' kif issir ir-riċerka. F'Lulju tal-2014 il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni dwar ix-Xjenza 2.0, biex tivvaluta l-livell ta' għarfien tal-partijiet ikkonċernati, tax-xejra favur ix-Xjenza

[7] Ir-ir-responsabbiltà tal-EIT hija f'idejn id-DĠ tal-Edukazzjoni u l-Kultura

Miftuħa, biex tidentifika l-implikazzjonijiet possibbli tal-politika u biex tidentifika l-azzjonijiet li jistgħu jsaħħu l-kompetittività tas-sistema Ewropea tax-xjenza u r-riċerka. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni se jkunu ppubblikati fis-sit tal-internet Your Voice in Europe[8].

L-aċċess miftuħ huwa aspett importanti tas-sistema xjentifika li qed tinbidel. Fl-Orizzont 2020, huwa obbligatorju għall-benefiċjarji kollha l-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi. F'dak li jikkonċerna d-dejta, qed jitfassal pilota flessibbli għall-aċċess miftuħ għad-dejta tar-riċerka wkoll. Il-pilota huwa bbażat fuq sistema flessibbli ta' "inklużjoni/esklużjoni fakultattiva", li tqis il-bżonn li jinżamm bilanċ bejn l-għotja tal-informazzjoni xjentifika u l-ħarsien tagħha, il-kwistjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali , il-privatezza, is-sigurtà, il-ġestjoni u l-preżervazzjoni tad-dejta.

*Il-Grupp Internazzjonali ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima*

Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) ltaqa' fl-2014 u ppubblika l-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tiegħu (RV5) fit-2 ta' Novembru 2014. Bosta proġetti ta' riċerka tal-UE ffinanzjati mis-Sitt sProgramm Kwadru u -Seba' Programm Kwadru kellhom rwol ewlieni fil-konklużjonijiet tar-Rapport.

Bit-titolu ta' "Climate Change 2014: Impacts, Adaptation, and Vulnerability"[9], ir-Rapport jikkonkludi li l-adazzjoni għat-tibdil fil-klima tinvolvi li jsiru l-għażliet dwar ir-riskji f'dinja li qiegħda tinbidel. Dan ir-rapport se jkun strumentali fin-negozjati li se jsiru dwar it-Tibdil fil-Klima.

*It-tifqigħa tal-Ebola*

It-tifqigħa tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent kienet waħda mill-iżjed emerġenzi internazzjonali serji tas-saħħa tal-2014. Il-Kummissjoni Ewropea minnufih appoġġat ir-riċerka urġenti dwar l-Ebola u għall-ewwel darba (għall-azzjonijiet ta' riċerka) għamlet użu eċċezzjonali mir-Regolament Finanzjarju għall-każijiet ippruvati ta' emerġenza, u ffirmat il-ftehimiet tal-għotjiet f'inqas minn xahrejn wara li rċeviet il-proposti. Intużaw EUR 24.4 miljun mill-Orizzont 2020 għar-riċerka dwar l-Ebola, bi qbil mal-prijoritajiet identifikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u b'kooperazzjoni ma' finanzjaturi internazzjonali oħrajn. Barra minn hekk, flimkien mal-industrija farmaċewtika, il-Kummissjoni nediet is-sejħa tal-IMI Ebola+ permezz tal-isħubija pubblika-privata tal-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI). Intużaw EUR 140 miljun mill-Orizzont 2020, li ffinanzjaw investiment addizzjonali ta' EUR 101 miljun mill-industrija farmaċewtika.

## 7. IĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC)

Fl-2014 iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka wieġeb għad-domanda dejjem ikbar ta' appoġġ xjentifiku tal-politika mis-servizzi politiċi tal-Kummissjoni li għandhom x'jaqsmu mal-prijoritajiet tal-UE, b'mod speċjali fil-qafas tal-Ewropa 2020: l-istrateġija Ewropea tat-tkabbir. Il-JRC ipprovda appoġġ xjentifiku dirett għall-oqsma politiċi tematiċi bħalma huma:

---

8 Your Voice In Europe
9 Climate Change 2014: Impacts, Adaptation, and Vulnerability

L-Unjoni Ekonomika u Monetarja, is-Suq Uniku, l-Innovazzjoni, it-Tkabbir u l-Impjiegi, l-Ekonomija b'Użu Baxx tal-Karbonju u l-Effiċjenza fl-Użu tar-Riżorsi, l-Agrikultura u s-Sigurtà Globali tal-Ikel, is-Saħħa Pubblika, is-Sikurezza u s-Sigurtà, is-Sikurezza u s-Sigurtà Nukleari (il-programm Euratom), u r-Regolazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Impatti Imtejbin.

## 8. IX-XANDIR U L-UTILIZZAZZJONI*Is-Seba' Programm Kwadru*[10]

Tul is-seba' snin tas-Seba' Programm Kwadru, 487 sejħiet konklużi rċevew kważi 136,000 proposta li kienu jinvolvu aktar minn 601,000 applikant, li minnhom insabu eliġibbli għall-proċedura tal-valutazzjoni 97%. Aktar minn 25,000 proposta b'aktar minn 130,000 parteċipant inżammu għan-negozjati. Dan involva finanzjament mill-UE ta' EUR 41.7 biljun. Il-proposti kellhom rata ta' suċċess medja ta' 19 %. Dwar il-parteċipazzjoni tal-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), 18.6% tal-parteċipanti kollha fil-ftehimiet ta' għotja li ġew iffirmati fl-2013 kienu SMEs.

Il-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru s'issa ġġeneraw 32,461 pubblikazzjoni minn mindu nbeda l-programm fl-2007. L-għadd kumulattiv ta' applikazzjonijiet għall-privattivi, li huma indikatur tajjeb tal-potenzjal tal-innovazzjoni li jistgħu jiġu utilizzati, kien ta' 1,185 fi tmiem is-sena[11].

*L-impatt u l-valur miżjud tal-Programmi u l-Proġetti tal-UE*[12]

L-appoġġ tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għandu għan ġenerali wieħed: Li jikseb impatt. Permezz tal-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha, l-UE qed tagħmel sforz biex tikseb impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali, u biex tikkontribwixxi għall-kompetittività, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll għas-soluzzjoni tal-isfidi soċjetali. L-għajnuna tal-UE lir-riċerka u l-innovazzjoni tingħata biss meta din tista' tkun aktar effettiva mill-finanzjamenti nazzjonali. Hawn taħt jidhru xi eżempji ta' proġetti li rnexxew li ġew iffinanzjati bis-Seba' Programm Kwadru u li juru l-valur miżjud Ewropew tal-għajnuna mogħtija, ir-riżultati konkreti u l-impatti li nkisbu:

- In-"Netwerk tal-Infrastruttura tar-Riċerka Klinika Ewropea" (ECRIN) żviluppa żona sħiħa Ewropea għar-riċerka klinika billi jintegra l-faċilitajiet nazzjonali tar-riċerka klinika f'netwerk wieħed madwar l-UE li jista' jagħti l-għajnuna f'kull qasam mediku permezz tas-servizzi u l-infrastruttura speċjalizzati. Dan ħoloq jew saħħaħ lill-infrastrutturi nazzjonali, u se jtejjeb il-kura tas-saħħa u l-kompetittività xjentifika u industrijali tal-Ewropa.

- L-aħjar mod biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali komuni tal-Ewropa huwa fil-livell tal-UE. Il-proġett WeSenseIt żviluppa l-kunċett ta' osservatorju tal-ilma mħaddem miċ-ċittadini, fejn iċ-ċittadini jistgħu jkunu attivi permezz tat-telefowns ċellulari u

10 Il-Kummissjoni Ewropea (2014): Is-Seba' Rapport ta' Monitoraġġ tas-Seba' Programm Kwadru

11 Iċ-ċifri li jidhru hawn inħarġu minn SESAM (l-għodda ta' rappurtaġġ dwar il-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru fuq l-internet tal-Kummissjoni Ewropea)/CORDA (il-Maħżen tad-Dejta Komuni tar-Riċerka). Iċ-ċifri jirreferu għall-parti tas-Seba' Programm Kwadru implimentata mid-DĠ RTD. Il-Programm Speċifiku "Nies" tħalla barra għar-raġuni li, minkejja li dan fil-bidu kien ġestit mid-DĠ RTD, issa qiegħed jiġi ġestit mid-DĠ tal-Edukazzjoni u l-Kultura. Il-Programm Speċifiku "Ideat" tħalla barra wkoll għaliex ma jużax is-SESAM. Il-parti tas-Seba' Programm Kwadru li huwa implimentat mid-DĠ CONNECT tħalla barra wkoll għaliex ma użax is-SESAM.

12 DG RTD Annual Activity Report 2014

l-midja soċjali, biex jieħdu r-ritratti, jevalwaw u jikkomunikaw l-informazzjoni dwar il-livelli tal-ilma, - bħalma huma l-gwardjani tal-għargħar voluntiera fir-Renju Unit, jew il-voluntiera tal-protezzjoni ċivili fl-Italja, li huma kosteffikaċi u jservu ta' sistemi ta' twissija bikrija għall-awtoritajiet lokali li jkollhom wisq ma xiex ilaħqu.

- Il-proġett ta' riċerka SOLAR-JET, iffinanzjat mill-UE ħoloq l-ewwel fjuwil "solari" dinji għall-ġetts, sempliċiment mill-ilma u d-diossidu tal-karbonju. Din hija teknoloġija promettenti li fl-istess ħin iżżid is-sigurtà tal-enerġija u taħdem kontra t-tibdil fil-klima billi tutilizza l-gass b'effett serra bħala riżors utli. Il-proġett għadu fi stadju esploratorju, iżda r-riżultati li nkisbu s'issa juru li fih il-potenzjal li jrendi forniment sikur, sostenibbli u li jista' jiżdied ta' fjuwil għall-avjazzjoni, diżil, petrol u anki ta' plastiks. .

*Ix-xandir tar-riżultati fl-Orizzjont 2020*

L-użu effettiv u x-xandir tar-riżultati tal-proġetti fl-Orizzont 2020 huwa importanti ħafna u se jagħmel l-aħjar użu possibbli tal-valur miżjud u tal-impatt tal-Programm Qafas il-ġdid. Miżuri speċifiċi li jiffukaw fuq l-użu tajjeb tar-riżultati diġà nbdew bl-Orizzont 2020 permezz ta' inizjattivi bħal premji biex iħajru l-inizjattivi, l-istrument għall-SMEs, proġetti ta' dimostrazzjoni u l-istrumenti ta' investiment InnovFin.

## 9. IL-PROSPETTI GĦALL-2015

Il-Kummissjoni għadha impenjata li tilħaq il-miri tal-Istrateġija tal-Ewropa 2020. Il-progress ġie vvalutat fuq l-impenji tal-inizjattivi ewlenin tal-"Unjoni tal-Innovazzjoni"[13]. Dan b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-progress fit-twettiq tal-azzjonijiet li ġew stabbiliti biex iseħħu l-impenji, u l-eżempji ta' kif qegħdin jiġu implimentati dawn l-azzjonijiet.

Fl-2014 iċ-ċiklu tal-Programm ta' Ħidma 2016 sa 2017 beda jimplimenta l-prijoritajiet politiċi tal-President Juncker. L-Orizzont 2020 se jagħmel il-parti tiegħu f'dan billi jikkontribwixxi EUR 2.2 biljun għall-fond ta' garanzija tal-Fond Ewropew tal-Investimenti Strateġiċi. Fil-Programm ta' Ħidma tal-2016 sa 2017 se jitqiesu l-lezzjonijiet li tgħallimna mill-ewwel sejħiet tal-Orizzont 2020 u jkun żgurat li dawn jibqgħu joffru suġġetti b'aproċċ ibbażat fuq l-isfidi. Suġġetti bħall-kooperazzjoni internazzjonali, ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, l-ugwaljanza bejn is-sessi se jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv fil-Programm ta' Ħidma, u se jsir użu aħjar tal-firxa kollha ta' strumenti finanzjarji biex tiġi promossa l-innovazzjoni fil-firxa kollha tal-Orizzont 2020.

Fl-aħħar nett, l-analiżi tas-sejħiet ġejjin tal-Orizzont 2020 se jitwettqu biex ikun żgurat li l-impatti xjentifiċi, soċjali, ambjentali u ekonomiċi tiegħu jkunu aħjar minn tal-predeċessuri tiegħu.

---

13 L-Istat tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Rendikont 2010-2014